MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 47/2003

**Maltacom plc**

**vs**

**Davmar Holdings Limited**

Il-Qorti:

1. Permezz ta’ citazzjoni imressqa mis-socjetà attrici Maltacom plc fis-17 ta’ Jannar 2003, is-socjetà attrici ppremettiet is-segwenti:

   a. Skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta’ Maltacom plc) il-konvenuti ghandhom jaghti lis-socjetà attrici is-somma ta’ LM15,517.74 in konnessjoni ma’ diversi servizzi telefonici liema servizz kienu provduti f’diversi fondi, skond il-prospett li gie anness mal-istess citazzjoni markat Dokument A;
   b. Il-konvenuti interpellati baqghu inadempjenti;

   c. Dan id-dejn huwa likwidu u dovut.

1.1 Maghmula dawn il-premessi s-socjetà attrici talbet li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjetà attrici is-somma ta’ LM15,517.74 bl-ispejjez, inkluz dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonjali, tal-ittra ufficjali ta’ Gunju 2002, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni;

1.2 Flimkien mac-citazzjoni, is-socjetà attrici ressqet affidavit tal-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà attrici li fih ikkonferma l-premessi u t-talbiet;

2. Is-socjetà konvenuta laqghat ghat-talbiet attrici billi eccepiet fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha (a folio 27) illi:-

   a. Fl-ewwel lok illi s-servizzi installati mis-socjetà attrici mhux kollha kienu jiffunzjonaw tajjeb u bhala rizultat

is-socjeta konvenuta ma setghetx taghmel uzu minnhom u ghalhekk m'ghandhiex tkun tenuta responsabbli ghall-hlas pretiz mis-socjetà attrici;

b. Illi inoltre is-servizzi provduti mis-socjetà attrici kienu gew maqtugha f'Gunju 1999 u ghalhekk is-socjetà eccipjenti m'ghandhiex tkun responsabbli ghall-kontijiet li jirreferu ghal servizzi wara dik id-data;

c. Illi fi kwalunkwe kaz, l-ammont pretiz mis-socjetà attrici huwa esagerat u dan kif ser jigi pruvat waqt il-kors tal-kawza;

3a. Jirrizulta li bejn is-sena 1997 u s-sena 1999, is-socjetà konvenuta kienet topera bhala internet service provider (aktar 'il quddiem "ISP") liema operat kien eventwalment gie trasferit lis-socjeta Waldonet Limited[1]. F'dak iz-zmien kienet tintuza sistema ta' dialup mill-konsumatur sabiex jaccessa l-internet, u ghal dan il-ghan is-socjeta konvenuta kellha necessarjament takkwista linja jew linji tat-telefon minghand is-socjeta attrici, li sa dak iz-zmien kienet l-uniku entita' licenzjata sabiex tipprovdi servizz ta' telefonija. Tramite dawn il-linja jew linji tat-telefon, il-konsumatur kien ikollu access ghall-internet permezz tal-ISP.

b. Jirrizulta ukoll li ghal habta tal-1999 din is-sistema tad-dialup bdiet tiffacja sistema gdida ta' cable network, tramite liem il-konsumaturi setghu jaccessaw l-internet minghajr il-htiega li jikkomunikaw permezz ta' linja telefonika.

[1] Ara l-affidavit ta' David Thake a fol 48 et seq

c. F'dan iz-zmien Maltacom kienet ltaqghet mal-ISPs li kienet tfornihom bil-linji telefonici ghad-dialup sabiex tiddiskuti mizuri biex tilqa' ghall-kompetizzjoni li kienet qed taffacja minn operatur iehor fis-suq tal-cable kif ukoll biex tghin lill-operaturi bhalma kienet is-socjeta konvenuti jibqghu viabbli. Jidher li fiz-zmien meta saret din il-laqgha, is-socjeta konvenuta kienet diga trasferiet l-operat taghha lil Waldonet Limited u ghalhekk ma kinitx ghada topera bhala ISP.[2] Fl-1 ta' Gunju 1999 is-socjeta konvenuta talbet lis-socjeta attrici twaqqfilha s-servizzi kollha; ma tressqet l-ebda prova dokumentali f'dan ir-rigward.

d. David Thake isostni fl-affidavit tieghu li f'din il-laqgha gew konkluzi diversi mizuri fosthom li: a) is-socjeta attrici intrabtet li taghti rifuzjoni lil ISPs kollha ghall-installation charges fuq il-linji kollha taghhom. Dan kien jghidu ghal-linji li kienu ser jordnaw fil-futur kif ukoll ghall-linji li kienu installaw fil-passat, u b) li taghti skont ta' 33% fil-kera ta' linji li l-ISP kien juza bhala access lines.

e. Maghdud ma' dawn huwa jsostni li c) s-socjetà konvenuta m'ghandhiex thallas ghaz-zewg servizzi tal-HDSL, wiehed ghaliex ma kienx jiffunzjona u l-iehor ghaliex kien hemm ftehim mas-socjeta attrici li tkopri l-ispejjez tieghu hi stess, u b) s-socjetà konvenuta m'ghandhiex thallas ghall-ammont iehor zejjed li qed titlob minghandha s-socjetà attrici.

IKKUNSIDRAT:-

[2] David Thake fl-affidavit tieghu jikkonferma li meta saret din il-laqgha, is-socjeta konvenuta kinet diga ttrasferiet l-operat taghha tal-ISP lil Waldonet Limited (a fol 49 tal-process)

f. Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha s-socjetà konvenuta eccepiet illi s-servizzi fornuti lilha mis-socjetà attrici mhux kollha kienu jiffunzjonaw. Irrizulta li l-leased line tal-ghamla HDSL SC4692 ma kinitx tahdem tajjeb[3] ghalkemm mhux eskluz li fil-fatt kien hemm istanzi meta din hadmet sew. F'materja ta' konnettivita', huwa necessarju li sabiex is-servizz li s-socjetà konvenuta kienet tipprovdi lill-klijenti taghha, ikun dipendibbli, l-infrastruttura kellha tkun konsistentement tajba. Din l-infrastruttura provduta mis-socjetà attrici li ghaliha kienet tippretendi l-hlas tas-servizzi kellha tkun wahda sodisfacenti. Ghal dan zgur li ma tahtix is-socjetà konvenuta. Lanqas ghalhekk tista' tippretendi l-hlas fl-ammont ta' €4326.81 is-socjetà attrici minghand dik konvenuta. Pero, l-ammont ulterjuri ta' €931.74 imsemmi mis-socjetà konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha li jirraprezenta, skond hi, l-installation cost ghal din il-linja ma giex pruvat u ghalhekk it-talba ghar-riduzzjoni ta' dan l-ammont ulterjuri ma tistax tintlaqa'.

g. Fit-tieni lok, is-socjetà konvenuta eccepiet illi s-servizzi provduti mis-socjetà attrici lilha kienu gew maqtugha f'Gunju 1999 u ghalhekk m'ghandhiex thallas ghal kontijiet mahrugin wara. Mir-rendikont ipprezentat mis-socjetà attrici a fol 6 set seq tal-process, jirrizulta li l-maggor parti tas-servizzi kienu gew maqtugha ghal habta tas-Sajf tal-1999 u ghalhekk, ghalkemm ma gietx imressqa prova dokumentarja mis-socjetà konvenuta li t-talba lis-socjetà attrici ghall-qtugh tas-servizzi saret fl-1 ta' Gunju 1999, huwa verosimili li din intbaghtet f'dik il-habta. Is-socjetà konvenuta

[3] Dwar dan xehed John Stivala li kien technician inkarigat mis-socjeta attrici sabiex jaghmel it-tiswijiet.

tippretendi li m'ghandhiex tkun tenuta thallas ghas-servizzi wara l-1 ta' Gunju 1999. Din il-pretensjoni hija in parte infondata ghaliex ma rrizultax bi preciz meta s-socjetà attrici rceviet din it-talba. Meta ntbaghtet it-talba huwa xi ftit jew wisq immaterjali, in kwantu qabel tali talba tigi ricevuta mis-socjetà attrici, din tal-ahhar ma setghet tiehu l-ebda azzjoni, u s-servizzi baqghu funzjonabbli. Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tistabilixxi d-data ta' l-ahhar ta' Lulju 1999 bhala l-cutoff date, u kwindi l-pretensjoni tas-socjetà attrici ghal hlas ta' servizzi provduti wara dik id-data fl-ammont ta' €2405.78 (gja LM1032.80) ghandhom jitnaqqsu mill-ammont minnha pretiz.

h. Illi fit-tielet lok, is-socjetà konvenuta eccepiet illi l-ammont pretiz huwa esagerat. Matul il-kors tal-proceduri, is-socjetà konvenuta kkontendiet illi l-ftehim li tghid li ntlahaq waqt laqgha bejn l-ISPs u s-socjetà attrici kellha tibbenefika minnu hija wkoll. Dan il-ftehim kien jirrigwarda rifuzjoni tal-installation charges fuq il-linji provduti mis-socjetà attrici, u skont ta' 33% fil-kera ta' linji li l-ISP kien juza bhala access lines. Tallega li n-nuqqas da parti tas-socjetà attrici li testendi dawn il-beneficcji lis-socjetà konvenuta kien att diskriminatorju fil-konfront taghha. Jidher li l-bazi li fuqha kienu qed jigu offerti dawn il-beneficcji mis-socjetà attrici kien l-abbonament mal-hekk imsejjah websave, li kienet sistema li permezz taghha l-konsumaturi kienu jiffrankaw it-telefonati (f'sistema li kienet tigi mhallsa bil-*pulse*) billi jhallsu mizata wahda zghira fix-xahar (*set rate*). Fl-istess zmien kienet qed tigi utilizzata sistema ta' bundling, fejn fuq linja wahda s-socjetà attrici kienet qed toffri tletin linja tat-telefon. Dan kien ser jghin lil ISPs biex ikunu jistghu jilqghu ghall-kompetizzjoni gdida fis-suq tal-cable internet.

Mill-provi li tressqu jirrizulta li dawk li bbenefikaw mill-imsemmija beneficcji moghtija mis-socjetà attrici kienu baqghu joperaw fis-suq u baqghu juzaw is-servizzi tas-socjetà attrici. Is-socjetà konvenuta ma kinitx wahda minnhom peress li meta saret il-laqgha li fiha sehh il-ftehim dwar ir-riduzzjonijiet kienet diga ttrasferiet l-operat taghha lil Waldonet Limited, li min-naha taghha bbenefikat mill-offerti li saru, ftehim li gie redatt bil-miktub u jinstab esebit a fol 59 et seq tal-process. Kwindi ma jistax jinghad li kien hemm diskriminazzjoni fl-applikazzjoni tal-beneficcji. Tali diskriminazzjoni setghet tirrizulta biss li kieku gie pruvat li kien hemm operaturi ohra fis-suq li waqfu joperaw fiz-zmien tal-ftehim bhalma kien il-kaz odjern u l-beneficcju gie offrut lilhom ukoll. Fic-cirkostanzi il-Qorti tqis li s-socjetà konvenuta ma gabitx prova dwar l-allegazzjoni taghha li s-socjetà attrici mxiet maghha b'mod li mxiet mod iehor ma' haddiehor fl-istess qaghda taghha.

i. Lanqas ma tirrizulta fondata l-pretensjoni tas-socjetà konvenuta li m'ghandhiex thallas ghas-servizzi tal-HDSL bin-numru SC4527. Is-socjetà konvenuta ma tikkontendix li dan is-servizz ma giex fornut mis-socjeta attrici izda tallega li kien hemm ftehim mas-socjetà attrici li tkopri l-ispejjez tieghu hi stess. Din l-allegazzjoni pero ma tirrizultax sodisfacentement pruvata.

j. Dwar l-allegazzjoni kien hemm diskrepanza f'dak mitlub mis-socjetà attrici meta mqabbel ma' ezercizzju li sar mir-ricerki tal-accountant tas-socjetà konvenuta ma tressqet l-ebda hjiel ta' prova. Lanqas jirrizulta li xehed dwarha Patrick Meli, l-accountant taghhom, u lanqas gie prezentat l-ezercizzju li allegatament ikkonduciet is-socjetà konvenuta.

k. Dwar l-ammont imsemmi f'paragrafu iii fl-ahhar pagna tan-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetà konvenuta a fol 112 fl-ammont ta' €279.52 li s-socjetà konvenuta tghid li diga hallset ghalihom lil Malta Tradefair Corporation ma tressqet l-ebda prova fl-atti. Kwindi din il-Qorti sejra tiskarta wkoll din ir-riduzzjoni mitluba bazat fuq il-fatt li kwalunkwe accenn ta' prova gdida min-naha tas-socjetà konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet mhijiex ammissibli, u l-Qorti ghandha taccetta biss u esklussivament sottomissjonijiet minn taghha dwar provi akkwiziti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta kif spjegat aktar 'il fuq, tilqa t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' €29,414.02, bl-imghax u spejjez kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Davmar Holdings Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------